Maltese

NSW GOVERNMENT | Environment, Climate Change & Water

# Iż-Żamma ta' rekords tal-pestiċidi li tuża'

## Xi tgħid il-Liġi?

**Ir-Regola ta' 2009 tal-Pestiċidi (Pesticides Regulation 2009) tiddikjara li**

- jekk int tuża' pestiċidi fuq il- prodotti tar-raba' jew fuq il-farm tiegħek, jew fix-xogħol tan-negozju jew sengħa tiegħek, int trid iżżom rekord tal-użu tal-pestiċidi.
- r-rekords jeħtieġ li jkunu jinkludu fihom informazzjoni dwar: min applika l-pestiċidi; x'ġie applikat; meta, kif u fejn ġie applikat; fuq x'hix ġie applikat, kemm ġie applikat, kif ukoll stima tal-qawwa u d-direzzjoni tar-riħ, jekk il-pestiċida ġiet applikata barra mid-dar b'apparat ta' bexx.
- ir-rekord għandu jittieħed fi żmien 24 siegħa minn meta tintuża' l-pestiċida u jinżamm għal tlett snin.
- Uffiċċjali awtorizzati mid-Department of Environment, Climate Chance and Water NSW (DECCW) (Dipartiment tal-Ambjent, Bidla fil-Klima, u ilma ta' NSW) x'aktarx jiċċekkjaw dawn ir-rekords fi zmien raġjonevoli u jistgħu jiġu mgħotija pieni jekk dawn ir-rekords ma jkunux ġew miżmuma skond ir-regola l-ġdida.

## Liema pestiċidi huma inklużi?

Il-pestiċidi jinkludu erbiċidi, fungiċidi, insettiċidi, fumigants (disinfettanti li jdaħħnu), bakteriċidi, rodentiċidi (velenu tal-ġrieden), baits (lixka li l-pest jiekol u li biha jinqered), lures (nasses li jħajjru lill-pest jiekol il-lixka), repellents u pestiċidi wżati fuq bhejjem biex jikkontrollaw parassiti esterni.

## Għal min tapplika din il-liġi?

Għandhom jinżammu rekords minn kull min juża l-pestiċidi għal skop kummerċjali jew fuq ix-xogħol, bħal fir-raba', fuq prodotti friski tar-raba', jew bħala parti mix-xogħol jew negozju tagħhom.

Per eżempju, dan japplika għall-bdiewa, market gardeners (dawk li jkabbru l-frott u l-ħxejjex għas-suq), green keepers (dawk li jieħdu ħsieb il-'lawn'), nursery operators (dawk li joperaw negozju tax-xtieli u siġar), pest control operators (dawk li joperaw il-'pest control'), ground-rig operators (operaturi tal-ground-rig), sidien il-kera, landscape gardeners (dawk li jieħdu ħsieb isebbħu l-ġonna), aġenziji tal-kunsill lokali u governattivi li jużaw il-pestiċidi.

Dawk li joperaw mill-ajru huma diġà meħtieġa li jżommu rekords bħala parti mill-liċenzja tagħhom taħt il-*Pesticides Act 1999*, (l-Att tal-Pestiċidi 1999), u huma meħtieġa li jżommu rekords b'aktar informazzjoni, skond ir-Regola.

Nota importanti: Kull min juża xi pestiċida għandu jimxi skond id-direzzjoni fuq it-tikketta (label) bħal ma hu meħtieġ skond il-*Pesticides Act 1999*. Mela allura jekk jew it-tikketta jew il-Permit tal-Australian Pesticides and Veterinary Medicines Authority (APVMA) jeħtieġulek li żżomm rekord, int għandek tagħmel hekk, apparti minn kif ir-regola teffettwak.

## Għandi nżomm rekord tal-pestiċidi li nuża' fid-dar?

Le. M'hemmx bżonn iżżomm rekord ta' meta tuża' l-pestiċidi madwar id-dar jew fil-ġnien tiegħek, jew meta tuża' affarijiet bħal 'personal insect repellents' (spray li tapplika fuq il-persuna biex l-insetti ma jersqux lejk). Per eżempju, ma hemmx bżonn li żżomm rekord dwar l-użu ta' nasses tal-wirdien, 'flea powder' (trab tal-briegħet) fuq il-pets jew pestiċidi użati fuq il-ħxejjex jew siġar tal-frott miżrugħa fil-ġnien tiegħek.

## Ta' liema applikazzjonijiet ta' pestiċidi għandi nżomm rekord?

Ċirkustanzi fejn jeħtieġ li żżomm rekord ta' meta tuża' l-pestiċidi jinkludu:

- bexx ta' l-uċuh tar-raba' jew prodotti oħra tar-raba'
- bexx ta' raba' mhix miżrugħa (jiġifieri bexx qabel iż-żrigħ u wara l-ħsad)
- meta tagħddas il-frott u l-ħxejjex fil-pestiċidi
- lixkar ta' annimali li jagħmlu ħsara, bħall-fniek, il-volpi, klieb selvaġġi, ħnieżer selvaġġ etċ.
- meta tikkontrolla l-'pests' madwar u ġewwa xi bini (dan ma japplikax għall-biedja u forestar)
- it-bexx ta' postijiet bħal korsijiet tal-golf, bowling greens, ovals, playing fields jew road verges (wesgħat miżrugħa fit-toroq), u parks u ġonna
- meta tikkontrolla l-parassiti esterni li jattakkaw il-bhejjem tal-għalqa (minbarra meta tuża' apparat miżmum fl-idejn)

Pesticides

Dawk li jkabbru frott u ħxejjex għas-suq (market gardeners) u bdiewa oħra għandhom iżommu rekords għal kull applikazzjoni ta' pestiċidi, minbarra meta jbexxu s-siġar tal-frott fil-post, fejn ikun użat apparat miżmum u mqabbad bl-idejn, u li hu mbiegħed aktar minn 20 metru mil-limitu tal-propjetà l-aktar qrib.

## *X'informazzjoni għandi nirrekordja?*

Trid tikteb informazzjoni dwar dan li ġej:



### Min applika l-pestiċida?

Nizzel l-isem, l-indirizz u n-numru tat-telefon ta' fejn tista' tagħmel kuntatt ma' min ikun applika l-pestiċida. Jekk il-pestiċida ġiet applikata minn kuntrattur jew impjegat, dawn iridu jiktbu l-isem, l-indirizz u n-numru biex tagħmel kuntatt, kemm tagħhom u kif ukoll ta' min iħaddimhom.

L-ismijiet, indirizzi u dettalji ta' kif tista' tagħmel kuntatt, jeħtieġ li jkunu kompluti. Per eżempju, żomm l-isem, kunjom (mhux il-laqam), l-indirizz u n-numru tat-telefon komplut. Jekk għandhom email, fax jew numru tal-mobile, żomm rekord ta' dawn ukoll.

Jekk inti s-'supervisor' fuq il-post, għal xi awtorità pubblika, għandek tniżżel l-ismijiet ta' voluntieri jew dawk imħallsa, li huma membri tal-grupp (team) li int qed tieħu ħsieb.

### Min hu s-sid jew l-okkupant tal-art jew wesgħa li qed tiġi trattata bil-pestiċidi?

Żomm l-isem, l-indirizz u dettalji għall-kuntatt mal-persuna li qed tieħu ħsieb il-post fejn ġiet użata l-pestiċida. Dan jista' jkun is-sid tal-art, il-maniġer tal-farm, iċ-ċensar jew il-kerrej.

Kif semmejna qabel, ir-rekords tal-ismijiet u d-dettalji għall-kuntatt għandhom jkunu kompluta.




### Meta applikajt il-pestiċida?

Għandek iżżomm rekord tad-data u l-ħin meta bdejt u meta spiċċajt tuża' l-pestiċida.



### X'użajt?

Għandek iżżomm rekord tal-isem sħiħ tal-prodott tal-pestiċida li wżajt. Dan issibu s-soltu taħt il-warning statement fil-fuq tat-tikketta u aktar 'il-fuq minn l-informazzjoni dwar l-active ingredients. Parti mill-isem tal-prodott jista' jinkludi ittri jew numri u dawn iridu jiġu mniżżla wkoll. Per eżempju, 'glyphosate' mhux biżżejjed, iżda 'Bloggs Glyphosate 360 Herbicide' ikun korrett.

Jekk qed tuża' pestiċida b'mod li huwa differenti mid-direzzjoni fit-tikketa, kif inhu permess skond l-off-label permit mogħti mill-APVMA, inti xorta waħda trid tnizzel l-isem sħiħ tal-prodott pestiċidjali. Trid tkun żgur ukoll li tkun qrajt il-permit (jew kellek lil xi ħadd jaqrajhulek) sabiex tifhem kif tuża' l-pestiċida. Id-DECCW jirrakkomanda li int tikteb ukoll in-numru tal-Permit.



### Liema prodott tar-raba' jew x'sitwazzjoni hi li int trattajt bil-pestiċida?

Semmi l-prodott jew prodotti li qed tkabbar (crops), jew għal liema sitwazzjoni wżajt il-pestiċida. Per eżempju, qamħ, koriander jew macadamia jew chrysanthemums, jew għal sitwazzjoni bħal ta' raba mhix miżrugħa, jew applikazzjonijiet fi kmamar ġo dar. Jekk tikketta tispeċifika rata ta' applikazzjoni għall-'vegetables' (ħxejjex tal-ikel), int xorta waħda trid tniżżel x'tip ta' ħxejjex bexxixt. Per eżempju, niżżel 'spinaċi u basal', mhux biss 'vegetables'.

Id-DECCW jikkonsidra li jkun pass tajjeb li int tirrekordja wkoll il-mard jew il-'pest' li int trid teqred.



### Kif applikajt il-pestiċida?

Semmi l-apparat li użajt, per eżempju, mister, fogger, backpack, wiper, ground-rig, truck-mounted boom, tractor-mounted boomsprayer etc.

Id-DECCW tissuġġerixxi li int tieħu nota wkoll tas-settings tan-nożil u informazzjoni dwar il-calibration, għaliex dan juri li int ħadt ħsieb sewwa li tevita li jsir kull muviment fejn il-pestiċida ma tmurx fejn tridha (off-target movement).



## Kemm intuża'?





Żomm rekord tal-ammont sħiħ tat-taħlita tal-pestiċida li int ħallatt, li użajt u r-rata ta' applikazzjoni. Ir-rata tal-applikazzjoni tista' tiġi rrekordjata kif tixtieq int, sakemm ikun ċar l-ammont li applikajt mill-prodott tal-pestiċida, jew bħala formula konċentrata jew inkella ready to use mix (taħlita lesta), u l-qis tal-wesgħa li laqtet l-applikazzjoni (e.g. metri kwadri, jew hectares).




## Fejn applikajt il-pestiċida?

Niżżel l-indirizz tal-propjetà u tpinġija tal-wesgħa fejn ġiet użata l-pestiċida. Tista' tuża' sketċ jew mappa tal-propjetà fi blokok jew mergħat tal-bhejjem (paddocks) immarkati fuqha biex turi il-wesgħat eżatti li ġew trattati f'din il-biċċa xogħol.

Alternitivament, ir-rekord tiegħek jista' jirreferi għall-wesgħa li hija murijha f'mappa tal-propjetà tiegħek li turi it-toroq, fences, waterways tal-madwar, jew sinjali (landmarks) oħra li jindikaw il-konfini tal-propjetà tiegħek. Trid ukoll turi l-lokal tal-blokok tiegħek jew wesgħat oħrajn fejn ġew applikati l-pestiċidi.

Għall-applikazzjonijiet fl-agrikoltura jew forestar għandek ukoll tikteb f'liema ordni ġew trattati bil-pestiċidi l-paddocks, wesgħat jew blokok jekk aktar minn waħda ġiet trattata bħala parti minn l-istess biċċa xogħol. Per eżempju 'sprejjajt il-blokok 1, 5, 2 u 3, f'din l-ordni'.



## It-Temp - kif kienet il-ħeffa u d-direzzjoni tar-riħ?




Jekk int qiegħed barra d-dar u qiegħed tisprejja l-pestiċidi fl-ajru, int trid tniżżel stima tal-ħeffa u d-direzzjoni tar-riħ. Per eżempju, 'a light breeze was blowing from the north-east' ('żiffa ħafifa kienet ġejja mill-grigal'). M'għandekx bżonn apparat speċjali għal dan - biex tieħu stima tal-ħeffa tar-riħ, ikun biżżejjed li tuża' bħal Beaufort Scale, li joqgħod fuq il-muviment tas-siġar, bandieri jew duħħan (ara paġna 6 jew għal aktar tagħrif mur fuq www.bom.gov.au/lam/glossary/beaufort.shtml).

Għandek iżżomm ukoll rekord ta' kull bidla sinifikanti fit-temp waqt l-applikazzjoni tal-pestiċidi, per eżempju, meta bidla fil-kondizzjonijiet tat-temp iżżid ir-riskji li l-pestiċida ma tmurx fejn tridha.

L-aħjar kundizzjoni tar-riħ għal meta tapplika l-pestiċida hu meta ir-rih ikun qed jonfoħ ħafif, b'mod konsistenti u 'l-bogħod minn wesgħat sensittivi. Id-dokument *'Spray Drift Management, Principles, Strategies and Supporting Information'*[1] (Maniġġar ta' kif l-iSprej jinġarr mar-riħ, Prinċipji, Strateġiji u Tagħrif Suplimentari) jipprovdi xi ftit direzzjoni.

Jekk il-pestiċida li qed tuża' ma ttirx fl-ajru, m'għandekx bżonn tniżżel id-dettalji dwar it-temp, e.g. meta tagħddas (dipping) il-frott jew ħxejjex wara l-ħsad, jew inkella meta tpoġġi lixka għal-insetti u annimali li jagħmlu ħsara.

## Għandi nżomm rekord ta' dettalji oħra tat-temp barra minn dak tar-riħ?

Għal xi pestiċidi, l-APVMA ħarġet direzzjonijiet fuq it-tikketti biex trażżan l-użu ta' pestiċidi f'ċerti kundizzjonijiet fit-temp. Jekk it-tikketta tal-pestiċida li qed tuża' tispeċifika ż-żamma ta' dettalji dwar it-temp, bħal qies ta' kemm għamlet xita' (rainfall), temperatura u/jew umdità, mela int ikollok iżomm rekord ta' dawn ukoll. Per eżempju, jekk it-tikketta tgħid, 'tużax dan jekk hi mistennija li tagħmel ix-xita sa' 6 siegħet minn meta tapplikaħ' ('do not apply if rain is expected within 6 hours of application'). L-istess, jekk it-tikketta tgħid, 'tapplikax meta t-temperatura tkun il-fuq minn 27°C ('do not apply when temperatures are above 27°C) jew 'tisprejjax meta l-umdità relattiva hi anqas minn 40%') ('avoid spraying when the relative humidity is less than 40%'), għandek iżżomm rekord tal-informazzjoni dwar it-temperatura u l-umdità.

Jekk għandek bżonn iżżomm rekord tar-rainfall, it-temperatura jew l-umdità, mela int ikollok bżonn ukoll tirrikordja kull bidla sinifikanti li saret waqt l-applikazzjoni, per eżempju meta l-bdil fil-kundizzjonijiet tat-temp iżidu r-riskju li l-pestiċida ma tmurx fejn tridha.

## *Nista' nżomm l-istess informazzjoni f'post wieħed?*

Iva. Ċertu informazzjoni tista' tibqa l-istess minn applikazzjoni għall-oħra allura tista' tnizzel ir-rekord f'post wieħed u tirreferi għaliha minfolk li tiktibha sħieħa kull darba li għandek bżonn iżżomm rekord tagħha.

[1] DPI, 2002, Spray Drift Manangement Principles, Strategies and Supporting Information, NSW Department of Primary Industries, (Dipartiment tal-Industriji Primarji) Sydney <www.dpi.nsw.gov.au/aboutus/resources/bookshop/spray-drift-management>

Per eżempju, tista' żżomm ktieb bl-ismijiet u dettalji tal-kuntatt ta' nies li applikaw il-pestiċidi fuq il-propjetà tiegħek, lista tal-ismijiet propji tal-prodott tal-pestiċidi li tuża' regolarment u sketċ tal-propjetà li tidentifika il-wesgħat tat-tkabbir jew blokok. Meta jkollok bżonn iżżomm rekord tkun tista tirreferi għal blokok speċifiċi, il-pestiċidi użati u l-persuna li applikat il-pestiċida skond id-dettalji irrekordjati fil-ktieb tiegħek bla ma jkollok bżonn tirrepeti l-istess dettalji.

## Għandi bżonn formola speċjali?

Le. M'għandekx għalfejn tuża' formola speċjali biex iżżomm ir-rekords - kull forma addattata tkun tgħodd. Jista' jkun li diġà qed iżżomm rekords għall-fini ta' assigurazzjoni tal-kwalità (quality assurance) u dawk ikunu biżżejjed, sakemm ikunu jinkludu dawk il-ħtieġijiet speċifikati hawn. Jekk ir-rekords kurrenti tiegħek ma jinkludux dak li ninħtieġuk tinkludi, sempliċiment żid l-affarijiet li hemm nieqsa. M'għandekx bżonn iżżomm żewġ settijiet ta' rekords.

Li tiżviluppa l-metodu tiegħek għaż-żamma tar-rekords dwar l-użu tal-pestiċidi hi probabbli l-aktar proċess facli, id-DECCW qed jiżviluppa formola bħala mudell sempliċi (ara paġna 7) biex jgħin lil dawk li jippreferu ma jiżviluppawx sistema tar-rekordjar għalihom. Tista' tuża' din il-formola bħala gwida jekk trid. Issib din il-formola wkoll fuq il-website tad-DECCW fuq www.environment.nsw.gov.au/pesticides/pestrecords.htm jew mill-Environment Line, telefon 131 555.

## Meta għandi nżomm rekord?

Jeħtieġ li żżomm rekord mhux aktar tard minn 24 siegħa minn meta tkun applikajt il-pestiċida.

## Jien nuża biss kwantitajiet żgħar ta' pestiċida - hemm bżonn inżomm rekord?

Negozji (bħal landscape gardeners u tal-ħwienet), awtoritajiet pubbliċi, sid il-kera u green keepers li jużaw kwantitajiet żgħar ta' pestiċidi tad-dar u japplikawhom bl-idejn jew b'apparat miżmum fl-idejn, ma jkollhomx għalfejn iżommu rekord ta' dan l-użu.

Jekk tuża' l-pestiċidi bħala parti minn negozju jew xogħol tiegħek skond kif hu mfisser hawn fuq, ma tkunx meħtieġ li żżomm rekord tax-xogħol li għamilt jekk int tagħmel **kollox** skond dan li ġej:

- tuża' pestiċida li tista' tinxtara minn kulħadd għall-użu fid-dar u fil-ġnien.
- tuża' l-pestiċida fi kwantitajiet żgħar:
  - tuża' l-pestiċida barra mid-dar fi kwantità ta' mhux aktar minn 5 litri għal kull 5 kilogrammi ta' prodott ikkonċentrat jew 20 litru għal kull 20 kilogramma ta' prodott 'ready to use' (taħlita lesta), jew
  - tuża' l-pestiċida ġewwa d-dar fi kwantità ta' mhux aktar minn litru wieħed għall kull kilogramma ta' prodott ikkonċentrat jew 5 litri għal kull 5 kilogramma ta' prodott 'ready to use' (taħlita lesta), **u**
- tapplika l-pestiċida bl-idejn jew billi tuża' apparat miżmum fl-idejn biss.

Innota li anki f'ċirkustanzi fejn ma żżomx rekord, inti xorta responsabbli li dejjem tuża' l-prodott bla żbalji u bil-għaqal. Jekk jinstab li int użajt l-pestiċida ħażin tista' tiġi mmultat/a talli għamilt hekk.

## Rekord wieħed għal kull biċċa xogħol

Jekk int qed tapplika l-istess pestiċida f'paddocks differenti, uċuh tar-raba' jew sezzjonijiet fit-toroq bħala parti mill-istess xogħol fl-istess ġurnata, ikollok bżonn biss tagħmel rekord wieħed u niżżel liema paddocks, uċuh tar-raba' jew toroq inti trattajt.

Per eżempju, jekk int sprejjajt l-istess taħlita ta' pestiċida fuq it-tadam u l-ħjar bħala parti mill-istess biċċa xogħol (job), int tista tniżżel rekord wieħed biss għal din il-biċċa xogħol. M'għandekx bżonn tagħmel żewġ rekords separati.

Ftakar li r-rekords għandhom jitniżżlu fi żmien 24 siegħa minn meta tapplika l-pestiċida. Jekk ix-xoghol tiegħek ikompli għal aktar minn jum wieħed, trid iżżomm rekord tal-applikazzjoni ta' l-ewwel jum u imbagħad iżżid aktar dettalji ma' dak ir-rekord, sakemm qed tkompli dan ix-xogħol. Ma jkollokx bżonn tagħmel rekord kompletament ġdid għal kull jum ġdid.

## Xi ngħidu għal xogħolijiet li jsiru minn gruppi ta' nies?

Meta grupp ta' nies li qed jaħdmu għal xi awtorità pubblika jaħdmu bħala grupp, bħal dawk li qed jaħdmu għall-kunsill fejn qed jittrattaw infestazzjoni ta' ħaxix ħazin, is-supervisor tal-post jagħmel rekord wieħed għal dak il-grupp, li jinkludi l-ismijiet kollha ta' dawk kollha li wżaw il-pestiċida. Dan japplika meta l-pestiċidi jiġu applikati bl-idejn jew b'apparat miżmum fl-idejn. Jekk ġie wżat apparat li mhux miżmum fl-idejn, dawk kollha fil-grupp li wżaw il-pestiċida ikollhom jagħmlu rekord għalihom.

## Min jagħmel ir-rekord?

Hija r-responsabbiltà tal-persuna li qed tapplika l-pestiċida biex tagħmel żgur li rekord ta' dik l-applikazzjoni hu magħmul bir-reqqa.

Jekk tapplika l-pestiċida int, trid tagħmel ir-rekord int jew inkella tagħmel żgur li tinżamm rekord bir-reqqa f'ismek.

Jekk int s-supervisor tal-post għal xogħol li qed isir minn grupp u qed isir għal xi kunsill jew aġenżija tal-gvern (sew jekk ix-xogħol hu voluntarju jew imħallas) u l-grupp qed japplika l-pestiċidi bl-idejn jew b'apparat miżmum fl-idejn (bħal backpacks mħaddma bl-idejn, cut and paint techniques etċ) hekk inti jkollok iżżomm ir-rekord.

Jekk qed tuża' apparat bil-power (e.g. book-sprayer, ground-rig etc.) bħala parti minn dan il-grupp li qed taħdmu fuq l-istess biċċa xogħol, hekk kull membru tat-grupp ikollu jagħmel ir-rekord tiegħu.

**Ir-rekords iridu jinkitbu bl-Ingliż.**

## Jista' ħaddiehor jieħu r-rekord f'ismi?

Iva. Jista' xi ħadd ieħor jikteb ir-rekord għalik izda hi r-responsabbiltà tiegħek li tagħmel żgur li r-rekord hi magħmula bir-reqqa.

## Għand min għandhom jinżammu r-rekords?

Jekk int il-propjetarju, l-okkupant jew il-persuna li qed timmaniġġa l-art fejn l-impjegati tiegħek applikaw il-pestiċidi, int trid iżżomm rekord ta' dawk l-applikazzjonijiet.

- Jekk għandek negozju fejn l-impjegati tiegħek japplikaw il-pestiċida, trid iżżomm ir-rekords int (f'isem in-negozju).
- Ikollok tagħti kopja tar-rekords tiegħek lill-propjetarju jew 'l-okkupant tal-art fejn il-pestiċida tkun ġiet applikata jekk inti kuntrattur li qed taħdem:
  - f'isem awtorità pubblika, jew
  - fuq bowling green jew kors tal-golf, jew
  - fl-agrikoltura, biedja jew forestar.
- Awtorità pubblika għanda żżomm kopja tar-rekords miġbura mill-kuntratturi jew impjegati tagħha.

## Għal kemm żmien għandi nżomm ir-rekords?

Ir-rekords għandhom jinżammu għal tlett snin.

## X'jiġri jekk ma ngħamilx dak li hu meħtieġ?

Kull sitwazzjoni jew inċident huwa assessjat mid-DECCW fuq bażi ta' kull kas għalih. Jekk ikun hemm xhieda biżżejjed li turi li persuna ma għamlitx dak li hu meħtieġ skond ir-Regola, ID-DECCW jeżamina jekk għandux iwissi lill-offensur, iwaħħlu multa, jew iħarrku. L-*EPA Prosecution Guidelines* ħarġet direzzjoni (policy) tal-EPA[2] dwar il-ħruġ ta' multi u kif iġġib jew tmexxi prosekuzzjoni.

Multi għal offizi fiż-żamma ta' rekords ivarjaw minn $150 sa $750 għal individwi u minn $300 sa $1500 għall-korporazzjonijiet. Il-pieni massimi għall-prosekuzzjonijiet huma $22,000 għal individwi u $44,000 għal korporazzjonijiet.

Id-DECCW tiehu ħsieb li tagħmel programmi ta' awdit biex jiċċekkja ż-żamma tal-liġi fuq aspetti varji fl-użu tal-pestiċidi, li jistgħu jinkludu ż-żamma ta' rekords. Id-DECCW tinvestiga wkoll allegazzjonijiet ta' użu ħażin tal-pestiċidi. Qabel ma tibda awdit jew investigazzjoni, uffiċċjali awtorizzati tad-DECCW juruk dejjem l-'authorisation card' (billjett li juri li huma uffiċċjali awtorizzati) b'ritratt ta' identifikazzjoni.

## Aktar informazzjoni

Tista' takkwista aktar tagħrif u għajnuna mill-Evironment Line fuq 131 555 (għal-ħlas ta' ċempila lokali minn kwalunkew post fi NSW) jew mill-website tad-DECCW: www.environment.nsw.gov.au/pesticides/pesticides.htm .

Jekk tixtieq l-uffiċċjali tad-DECCW jiġu jżuru lilek jew l-assoċċjazzjoni tiegħek, ċempel l-Environment Line (fuq 131 555).

[2] L-Environment Protection Authority (EPA) (L-Awtorità tal-Protezzjoni tal-Ambjent) tagħmel parti mid-DECCW

# Beaufort Scale

Dan il-Beaufort Scale modifikat ġie provdut biex jgħin lill-bdiewa biex jirrekordjaw il-forza tar-riħ għall-użu taż-żamma ta' rekords dwar il-pestiċidi.

| Numru tal-Beaufort jew tal-forza | Il-forza tar-riħ/ kilometri fis-siegħa (km/h) | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| 0 | Inqas minn 1.6 | Kalm: Id-duħħan jogħla dritt 'l fuq. |
| 1 | 1.6 – 4.8 | Il-pinnur tar-riħ ma jkunx attiv, id-duħħan li qed jogħla, jimxi mal-kurrent |
| 2 | 6.4 – 11.3 | Tisma' t-tħaxwix tal-weraq, tħoss ir-riħ ma' wiċċek, il-pinnur tar-riħ ma jkunx attiv. |
| 3 | 12.9 – 19.3 | Il-weraq u z-zkuk jitħarrku. Bandieri ħfief jinfetħu. |
| 4 | 20.9 – 29.0 | Jċaqqlaq fergħat zgħar, iqajjem it-trab u jerfa' l-karti. |
| 5 | 30.6 – 38.6 | Siġar żgħar jitħarrku jew jixxenglu. |

**Nota:** Din it-tabella tinkludi biss it-taqsima l-aktar baxxa tal-ħeffa tar-riħ muri fuq il-Beaufort Scale. Il-Beaufort Scale sħiħ jinkludi wkoll numri ta' qawwa aktar għola li jiddeskrivu rjieħ aktar qawwija.

Source: www.bom.gov.au/lam/glossary/beaufort.shtml

# Pesticides: Example record keeping form
# Pestiċidi: Eżempju ta' formola għaż-żamma tar-rekords

**Note:** It is not compulsory to use this format. This example form was developed to assist market gardeners.
If you use a short name for something in filling out this form, you must write the full name somewhere else such as a book or farm diary.
**Nota:** Mhux bil-fors li tuża' dan il-mod biex timla l-formola. Din il-formola ġiet żviluppata bħala eżempju biex tgħin lil market gardeners Maltin fl-inħawi ta' Sydney.
Jekk tuża' isem fil-qosor meta timla din il-formula, trid tikteb l-isem sħiħ x'imkien ieħor bħal per eżempju fi ktieb jew djarju tal-farm.

**Pesticides application record sheet / Karta għaż-żamma ta' rekords ta' kif tapplika l-pestiċidi**

**Record the name, address and contact details of the owner or occupier of the land where the pesticide was applied:**
**Niżżel l-isem, l-indirizz u dettalji ta' kif tista' tikkuntattja lis-sid jew lil min qed jokkupa l-art fejn qed tiġi applikata l-pestiċida:**

| **Date, start and finish time**<br>**Data u l-ħin ta' meta tibda u tispiċċa** | **Operator details**<br>**Dettalji ta' l-operatur** | **Crop or place where pesticide was applied**<br>**Il-Prodott tar-raba' u fejn ġiet applikata l-pestiċida** | **Type of equipment used**<br>**X'tip ta' apparat ġie użat** | **Name of pesticide used**<br>**L-isem tal-pestiċida li ġiet użata** | **Amount of concentrated product used**<br>**L-ammont tal-prodott ikkonċentrat li ġie użat** | **Total quantity applied**<br>**Kemm ġie użat b'kollox** | **Size of block sprayed**<br>**Il-qies tal-blokka mbexxa** | **Order blocks were treated**<br>**L-ordni ta' kif ġew trattati l-blokok** | **Estimated wind speed and direction**<br>**Stima tal-ħeffa u d-direzzjoni tar-riħ** | **Other weather details**<br>**Dettalji oħra dwar it-temp** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
|   |  |  |  |  |  |  |  |   |   |  |
| | *Name, address and contact details*<br>*Isem, indirizz u dettalji tal-kuntatt* | *Also record spraying of fallow land and any pesticides used in and around crops**<br>*Żomm ukoll rekord tat-tbexxix ta' raba' battala u ta' kull pestiċida użata ġewwa jew madwar il-prodotti tar-raba'** | | *Record all the pesticides you used.*<br>*Żomm rekord tal-pestiċidi kollha li użajt* | *If you mixed two pesticides together, you can record both on the same form.*<br>*Jekk ħallatt żewġ pestiċidi flimkien, tista' tniżżilhom it-tnejn fl-istess formola* | *Total amount of water, oil or other things mixed with the concentrated product.*<br>*L-ammont totali ta' ilma, żejt u materjal ieħor imħallat mal-prodott ikkonċentrat* | *Refer to your farm map***<br>*Ara l-mappa tal-farm tiegħek*** | *Write which block was sprayed first, second, third, etc.*<br>*Ikteb liema blokka ġiet imbexxa l-ewwel, it-tieni, t-tielet, etċ.* | *If these conditions change significantly during spraying then also record the changes.*<br>*Jekk ikun hemm tibdil sinifikanti f'dawn il-kundizzjonijiet tat-temp, niżżel ukoll il-tibdiliet* | *Only if they are specified on the label or Australian Pesticides and Veterinary Medicines Authority permit.*<br>*Niżżel biss jekk huma murija fit-tikketta jew fil-permit tal-Australian Pesticides and Veterinary Medicines* |
| | | | | | | | | | Speed / Il-ħeffa \| Direction / Id-direzzjoni | |

* It is not compulsory to record the pest or disease but it is recommended as part of good operating practices.
** A farm map is recommended because it would make recording this information easier.
* Mhux bil-fors trid iżżomm rekord tal-pest jew mard iżda dan hu rrakkomandat bħala att ta' immaniġġjar tajjeb
** Ikun iktar faċli biex tirrekordja t-tagħrif meħtieġ jekk ikollok mappa tal-farm.

**(Records must be in English)**
**(Ir-rekords iridu jinkitbu bl-Ingliż)**

© Copyright State of NSW and Department of Environment, Climate Change and Water NSW. Id-Dipartiment tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima, u Ilma ta' NSW għandhom il-pjaċir jippermettu li dan il-materjal jiġi riprodott komplet jew parti minnhu għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali, sakemm it-tifsira ma tiġix mibdula u li l-pubblikatur u l-awtur jiġu rikonoxxuti.

Ippublikata mid-:
Dipartiment tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima, u Ilma ta' NSW
59 Goulburn Street
PO Box A290
Sydney South 1232
Telefon: (02) 9995 5000 (switchboard)
Telefon: 131 555 (informazzjoni dwar l-ambjent u talbiet għal publikazzjonijiet)
Telefon: 1300 361 967 (informazzjoni dwar parks nazzjonali u talbiet għal pubblikazzjonijet)
Fax: (02) 9995 5999
TTY: (02) 9211 4723
Email: info@environment.nsw.gov.au
Website: www.environment.nsw.gov.au

ISBN 978 174232 555 2
DECCW 2010/124
Frar 2010
Stampat fuq karta riċiklata.